Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 194/14

**Harbour Management Ltd (C29326)**

**(appellanti)**

**vs**

**M/S EL MARINERO**

**bastiment proprjeta` ta' Mario Vella (K.I. 321659M)**

**(appellat)**

18 ta' April 2017.

1. **Din hi kawża għall-ħlas ta' €2,293.39 rappreżentanti spejjeż konnessi mal-irmiġġ.**

2. Fl-avviż tagħha ppreżentat fl-14 ta' Marzu 2014 quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjeta` attriċi talbet li l-bastiment konvenut jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' €2,293.39 naxxenti fil-konfront tiegħu fir-rigward ta' piż fuq l-istess bastiment skont l-Artikolu 742B(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet mid-data tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess bastiment konvenut.

3. Fir-risposta tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2014 il-bastiment konvenut preliminarjament eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni stante li skont il-kuntratt il-ġurisdizzjoni din hija vestita fi ħdan it-Tribunal tal-Arbitraġġ.[1] Eċċepixxa wkoll li Mario Vella mhux il-leġittimu kontradittur, li l-Artikolu 742D tal-Kap 12 mhux sodisfatt u għalhekk huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, li l-ammont pretiż mhux dovut, li t-talba għall-imgħaxijiet għandha tiġi miċħuda, u li fi

[1] Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata fil-15 ta' Lulju 2014 (ara verbal fol 39).

kwalunkwe każ ma kellux ibati spejjeż. Għalhekk talab li t-talba attriċi tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` attriċi.

4. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015, it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar osserva li minkejja li l-kuntratt bejn il-partijiet jirrigwarda bastiment bit-tul ta' 11.63 metru, il-kontijiet ippreżentati in sostenn tas-somma mitluba huma kkalulati fuq tul ta' 13-il metru. It-Tribunal osserva wkoll li s-soċjeta` attriċi aċċettat il-pagament mill-Kaptan "*ta' dak iż-żmien*" u allura qies li dan jindika li l-ammont ġie aċċettat u ma kienx fadal x' jitħallas, u jindika wkoll li l-Kaptan ma kienx qed jaqbel mal-kont fuq 13-il metru. Għalhekk[2] ċaħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż a karigu tal-istess soċjeta` attriċi.

5. B'rikors preżentat fl-1 Diċembru 2015, l-attriċi appellat mis-sentenza u talbet lil din il-qorti sabiex tirrevoka tali sentenza u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet mhux irtirati tal-bastiment konvenut appellat, tilqa' t-talba tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess bastiment konvenut appellat.

6. Il-bastiment konvenut appellat fit-28 ta' Diċembru 2015 wieġeb biex jgħid illi fl-ewwel lok l-appell tas-soċjeta` attriċi huwa null stante li ġie ppreżentat *fuori termine*, u wkoll għaliex jinkwadra ruħu biss fuq apprezzament tal-fatti. Fi kwalunkwe każ isostni li l-kawża hija ġusta u s-sentenza tat-Tribunal timmerita konferma. Għalhekk talab li l-appell tas-soċjeta` attriċi jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

7. **L-aggravji tas-soċjeta` attriċi appellanti:**

- Fl-ewwel lok targumenta illi anke kieku wieħed kellu jaċċetta li (a) l-*invoicing* kellu jsir in konformi mal-kejl ta' 11.63m, u li (b) il-pagamenti li saru mill-Kaptan kienu ġew aċċettati għas-saldu, xorta jibqa' skopert perjodu importanti: bejn l-1 ta' Lulju 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012, li jifforma l-biċċa l-kbira tas-sorte f' din il-kawża;

[2] għalkemm ma qiesx l-eċċezzjonijiet preliminari (2 u 3) tal-bastiment intimat.

- Fit-tieni lok issostni li l-*invoicing* kellu jsir mhux skont it-tul tal-bastiment per se, iżda skont it-tul tal-irmiġġ addattat għal bastiment. Tispjega li dan ġie maħdum essenzjalment fuq medja ta' tul ta' bejn 12 u 14-il metru, u li hija iffatturat medjament fuq il-bażi ta' tul ta' rmiġġ ta' 13-il metru;

- Fit-tielet lok tiċħad li hija kkomprommettiet il-pożizzjoni tagħha meta aċċettat il-pagamenti li għamel il-bastiment tramite l-Kaptan Grech skont il-kalkoli tiegħu. Taċċenna għall-fatt li qatt ma saret offerta min-naħa tal-bastiment ta' pagament għas-saldu tal-pretenzjonijiet tagħha, u wisq anqas ma kien hemm kuntratt ta' transazzjoni bejniethom f' dan ir-rigward, u li hija dejjem baqgħet issostni l-pożizzjoni tagħha li finalment wasslitha biex tintavola dawn il-proċeduri.

**8. Eċċezzjoni ta' nullita` tal-appell għaliex preżentat "*fuori termine*":**

Il-konvenut isostni li l-appell hu **null** għaliex skont l-Artikolu 14(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 380.01 (Regoli Dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar) appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar għandu jsir fi żmien **tmintax(18)-il jum**:

*"Appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għandu jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qrati b'rikors li jsir fil-Qorti tal-Appell fi żmien tmintax-il jum mid-data meta l-ġudikatur ikun ta d-deċiżjoni tiegħu."*[3]

Jargumenta illi in vista tal-fatt li d-deċiżjoni ingħatat fil-11 ta' Novembru 2015, l-appell kellu jiġi ppreżentat mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2015[4] filwaqt li ġie ppreżentat fl-1 ta' Diċembru 2015.

Iżda l-Artikolu 8(1) tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar jipprovdi invece illi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar għandu jsir fi żmien **għoxrin (20) ġurnata:**

[3] Fil-fatt fuq l-Avviż tat-Talba innifsu jkun hemm indikat illi: "*Kull min jiġi notifikat b' dan l-avviż tat-talba għandu fi żmien 18-il jum tan-notifika jippreżenta risposta*."

[4] Peress li t-18-il ġurnata (29 ta' Novembru 2015) kienet taqa' fil-ġurnata tal-Ħadd.

*"Appell isir minn deċiżjoni ta' Tribunal lill-Qorti tal-Appell magħmula minn imħallef wieħed biss skont is-subartikolu 6 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak l-appell għandu jsir b'rikors li għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata."*

Fil-kawża fl-ismjiet "**<u>Victor Muscat vs Jelad Almani</u>**" deċiża fit-22 ta' Novembru 2016, din il-qorti, rinfaċċjata b' dan il-kunflitt bejn il-liġi prinċipali u dik sussidjarja kienet irriteniet illi hija dik prinċipali li tipprevali:

*"Skont l-artikolu 8(1) tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, appell għandu jsir fi żmien għoxrin (20) ġurnata. Hu minnu li l-liġi sussidjarja 380.01 tipprovdi li l-appell għandu jsir fi żmien tmintax-il jum mid-data tas-sentenza (regolament 14(1)). Madankollu in vista tal-kunflitt bejn il-liġi prinċipali u dik sussidjara, il-liġi prinċipali għandha tipprevali."*

Għaldqstant ladarba dan l-appell ġie intavolat fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tad-deċiżjoni, din il-qorti ser tqis li sar *entro termine.*

**9. <u>Eċċezzjoni ta' nullita` tal-appell għaliex jinkwadra ruħu biss fuq apprezzament tal-fatti:</u>**

Il-konvenut isostni wkoll li l-appell hu **<u>null</u>** għaliex jinkwadra ruħu biss fuq apprezzament ta' fatti li għamel it-Tribunal. Jaċċenna għall-ġurisprudenza nostrana li tirritjeni illi l-apprezzament ta' fatt li jkun sar mill-ewwel qorti (f' dan il-każ it-Tribunal) m'għandux jiġi disturbat b' mod leġġer sakemm iċ-ċirkostanzi kienu tali li jikkonvinċu lill-qorti ta' reviżjoni li l-apprezzament tal-ewwel qorti kien tant żbaljat li altrimenti tkun ser tiġi kreata inġustizzja.

Iżda li parti tappella u tikkontesta l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel qorti, fih innifsu ma jirrendix l-appell null. Jekk il-qorti tal-appell imbagħad jidhrilha li l-aggravji tal-appellant huma infondati u li m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel qorti, f'tali każ hija tiċħad l-appell, iżda mhux il-każ li tiddikjarah null *ab initio*.

**10. <u>Il-lanċa *El Marinero* u l-*Berthing Agreement* tas-7 ta' Lulju 2010 relattiv għaliha:</u>**

Fis-sena 1990 inbniet l-lanċa in kwistjoni (oriġinarjament bl-isem *Marilou I*). Skont il-*Builder's Certificate*[5], it-tul tagħha huwa ta' 11.63 metru.

Il-proprjetarju tagħha minn dejjem kien il-Kaptan Mario Grech, sakemm f' Ġunju 2012[6] inbiegħet lil Mario Vella. Sakemm Grech kien il-proprjetarju kien iħalliha rmiġġjata fil-moll tal-Imġarr, Għawdex.

Fis-26 ta' Mejju 2010 is-soċjeta` attriċi ħadet f' idejha l-operazzjoni tal-moll tal-Imġarr li qabel kien operat minn Transport Malta. Ġie ffirmat *Concession Agreement* bejn is-soċjeta` attriċi u Transport Malta f' dan ir-rigward. (Din il-qorti ser tagħmel riferenza għal tali ftehim iktar 'il quddiem.)

Fis-7 ta' Lulju 2010 ġie iffirmat *Berthing Agreement*[7] bejn is-soċjeta` attriċi u l-Kaptan Mario Grech fir-rigward tal-lanċa in kwistjoni, issa bl-isem "*El Marinero*". Dan il-ftehim ikopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ġunju 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010 (7 xhur) u sar abbażi tal-kundizzjonijiet speċifikati fil-"*Marina Rules and Regulations*" annessi mal-istess ftehim (**Annex I**[8]). Ġie speċifikat illi Grech, "*declares and confirms that he is aware of, and agrees to abide by, the provisions of the abovementioned "Marina Rules and Regulations*".

**Tiġdid/ terminazzjoni tal-ftehim:** Għalkemm il-ftehim jirrigwarda l-perjodu ta' seba' xhur bejn l-1 ta' Ġunju 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010, klawsola 5 tistipula illi l-kuntratt jiġġedded awtomatikament għal perijodi ekwivalenti u li s-sid tal-lanċa jista' jittermina l-ftehim billi jagħti avviż bil-miktub xahar qabel.

"*5.1 The Licence is being granted for the Period stated in the Berthing Agreement. Subject to the provisions of Rule 14 hereof, the Parties agree that the said Period wil be extended automatically for further equivalent periods.*

*5.2 Without prejudice to any other provision and subject to Rule 5.3 hereof, the Owner may terminate this Agreement by giving the company one (1) month's prior notice in writing.*

*5.3 Berthing Fees paid in advance will not be refunded by the Company to the Owner."*

---

[5] Builder's Certificate, fol 63
[6] Bill of Sale relattiva, a fol 82
[7]Berthing Agreement a fol 6-7
[8] Annex I – Marina Rules and Regulations, fol 8-16

**Drittijiet tal-irmiġġ:** Gie miftiehem li d-drittijiet tal-irmiġġ kellhom jitħallsu skont ir-rati indikati f' **Annex III**[9]. Il-partijiet qablu li l-ammont li kellu jitħallas (*pro rata*) għall-perjodu ta' seba' xhur bejn l-1 ta' Ġunju 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010 kien ta' €968.44. Dan ifisser li d-drittijiet tal-irmiġġ effettivament ġew kkalkulati fuq ir-rata annwali ta' €1,406.94, inkluż it-18% VAT. Skont l-istess Annex III, €1,406.94 hija r-rata applikabbli għal 12-il metru.

Skont il-klawsola 4.1 tar-regolamenti annessi mal-*Berthing Agreement*, ir-rati tal-irmiġġ indikati fuq **Annex III** huma r-rati applikabbli tul ir-*Rehabilitation Period*. (*"Rehabilitation period" means the period of time during which the company shall implement the Initial Investment Plan in terms of the Concession Agreement.*) Fl-istess klawsola ġie stipulat ukoll illi fi tmiem tali *Rehabilitation Period* ir-rati imbagħad kellhom ikunu dawk applikabbli skont l-**Annex IV**[10].

**11. Il-*Concession Agreement* tas-26 ta' Mejju 2010 bejn is-soċjeta` attriċi u Transport Malta, u l-Annex 6 Part 1 u l-Annex 6 Part 2:**

Fis-26 ta' Mejju 2010 kien sar *Concession Agreement* bejn is-soċjeta` attriċi u Transport Malta.

*"Concession Agreement for the Rehabilitation, Operation and Transfer of Mġarr (Gozo) Marina entered into by and between the Company and the Authority for Transport in Malta on the 26th May 2010."*

- Skont il-klawsola 4.4.1 tal-*Concession Agreement*[11] ġie stipulat illi:

*"during the Rehabilitation Period, the Concessionaire[12] shall not charge any fees or apply any tariffs, rates or charges to Authorised Yachts and other Users exceeding the maximum Berthing Fees set out in Part 1 of Annex 6."*

Pierre Balzan[13], direttur tas-soċjeta` attriċi, ikkonferma li r-rati tal-irmiġġ indikati f'**Annex 6 Part 1**[14] kienu ġew mifthema bejn is-soċjeta` attriċi u t-

[9] Annex III – Berthing Fees & Tariffs – PBA1, fol 116
[10] Ma jidhirx li ġie esebit xi dokument immarkat Annex IV
[11] Ara Dok PBA6, fol 124
[12] Jiġifieri s-soċjeta` attriċi.

Transport Malta biex iservu bħala *interim rates* tul ir-*Rehabilitation Period*. Ir-rati indikati fuq **Annex III** ma kellhomx jeċċedu r-rati indikati fuq Annex 6 Part 1. Jekk wieħed iqabbel ir-rati ta' Annex III ma' dawk ta' Annex 6 Part 1, josserva li fuq Annex III ir-rata annwali ta' €1,406.94 (li ftehmu fuqha l-partijiet odjerni) hija indikata bħala r-rata għal tul ta' 12-il metru, filwaqt li fuq Annex 6 Part I, ir-rata annwali ta €1,406.94 hija indikata bħala r-rata għal tul ta' ">12-14"-il metru. Il-Kaptan Grech fl-ittra tiegħu tal-31 ta' Diċembru 2010[15] li bagħat lis-soċjeta` attriċi jilmenta li skont l-Annex 6 Part 1 ir-rata applikabbli għall-lanċa tiegħu kellha tkun inqas minn dak miftiehem fil-*Berthing Agreement*. Iżda jgħid x' jgħid, kien hemm qbil bejnu u bejn is-soċjeta` attriċi dwar ir-rata annwali ta' **€1,406.94** li skont Annex III (li għalih jirreferi l-ftehim) hija r-rata applikabbli għal tul ta' **12-il metru** u għaldaqstant din hija r-rata li din il-qorti ser tqis bħala r-rata applikabbli tul ir-*Rehabilitation Period*.

- Skont il-klawsola 4.4.2 tal-*Concession Agreement*, ġie stipulat ukoll hekk:

*"from the end of the Rehabilitation Period until the end of the fifth Concession Year, the Concessionaire shall charge Berthing fees and apply tariffs, rates and charges to Authorised Yachts and Users in accordance with the Fee Structure set out in Part 2 of Annex 6;*

Għalhekk fit-tmiem tar-*Rehabilitation Period* (li jidher li ntemm fl-aħħar ta' Lulju 2011) ir-rati tal-irmiġġ il-ġodda kellhom ikunu dawk indikati f' **Annex 6 Part 2**. Balzan fil-fatt spjega illi fejn fil-*Berthing Agreement* mal-Kaptan Grech saret riferenza għal **Annex IV** dan fil-fatt kellu jkun indikat bħala **Annex 6 Part 2**[16]. Din il-qorti tosserva li skont Annex 6 Part 2, fuq tul ta' **12-il metru** ir-rata annwali applikabbli hija dik ta' €2,396.93 u għalhekk din hija r-rata li din il-qorti ser tqis fir-rigward ta' perjodi posterjuri għar-*Rehabilitation Period.*

[13] Affidavit ulterjuri ta' Pierri Balzan, fol 112-115.
[14] Annex 6 Part 1 (Maximum Berthing Fee), fol 119.
[15] Ittra tal-Kaptan Grech tal-31 ta' Diċembru 2010 fol 117-118.
[16] Annex 6 Part 2, Dok PBA4, fol 120.

**12. Il-kontijiet relattivi għat-talba tas-soċjeta` attriċi:**

Is-soċjeta` attriċi permezz ta' dawn il-proċeduri qegħda titlob il-ħlas ta' **€2293.36** għall-perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012. Fit-talba tagħha hija tat *breakdown* ta' kif waslet għal tali ammont:

Dok A (fattura RR1284) bilanċ ta' **€41.68** (minn €536.01);
Dok B (fattura RR1993) bilanċ ta' **€23.60** (minn €412.72);
Dok C (fattura RR3751) bilanċ ta' **€576.02** (minn €1,323.56);
Dok D (fattura RR4695) bilanċ ta' **€1,652.06** (minn €3,060.00)

**Il-fattura RR1284** (Dok A)[17] fl-ammont ta' €536.01 tirrigwarda l-perjodu ta' tlett (3) xhur mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Marzu 2011. Mill-ammont mitlub ta' €536.01, €443.97 huma indikati bħala drittijiet ta' rmiġġ maħduma *pro rata* fuq ir-rata annwali ta' €1,525.74 filwaqt li l-kumplament (€92.04) jirrigwardaw konsum ta' elettriku. Pierre Balzan fl-affidavit ulterjuri tiegħu ammetta li l-ħlas pagabbli *pro rata* effettivament kellu jinħadem fuq ir-rata annwali ta' €1,406.94[18] u mhux ta' €1,525.74 u għalhekk hemm żball f' dan ir-rigward. Id-drittijiet ta' rmiġġ għall-imsemmija tlett xhur (inkluż il-VAT) fil-fatt kellhom ikunu €415.04 u mhux €443.97 u għalhekk il-kont (inkuż il-konsum tal-elettriku) kellu jkun fl-ammont ta' €507.08 u mhux €536.01. Ladarba l-Kaptan Grech ħallas €494.33 jiġi allura li jibqa' l-bilanċ ta' **€12.75** u mhux ta' €41.68;

**Il-fattura RR1993** (Dok B)[19] fl-ammont ta' €412.72 tirrigwarda l-perijodu ta' tlett (3) xhur mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011. Jidher li din il-fattura hija korrettement maħduma fuq ir-rata annwali ta' €1,406.94. Għalhekk ladarba l-Kaptan Grech ħallas l-ammont ta' €389.12 jidher li l-bilanċ ta' **€23.60** huwa korrett;

[17] Dok A, fol 2.
[18] €1406.94 hija r-rata annwali fuq 12-il metru skont Annex III, li kienu qablu fuqha l-partijiet meta ġie ffirmat il-Berthing Agreement.
[19] Dok B, fol 3.

**Il-fattura RR3751** (Dok C)[20] tirrigwarda żewġ perijodi: (i) wieħed għax-xahar ta' Lulju 2011 fl-ammont ta' €140.62 u (ii) l-ieħor għall-erba' (4) xhur bejn l-1 ta' Awwissu 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 fl-ammont ta' €1,182.94. Ir-raġuni għaliex saret distinzjoni bejn tali perijodi fuq l-istess fattura huwa minħabba li fl-aħħar ta' Lulju 2011 intemm ir-*Rehabilitation Period* u għalhekk mill-1 ta' Awissu 2011 skattaw ir-rati l-ġodda skont Annex IV (ossia Annex 6 Part 2).

Fir-rigward tax-xahar ta' Lulju 2011 l-ammont dovut *pro rata* għall-irmiġġ ġie korrettament maħdum fuq ir-rata annwali ta' €1,406.94.

Fir-rigward tal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 dan inħadem *pro rata* fuq ir-rata annwali ta' €2,398.31. **Skont Annex 6 Part 2 ir-rata għal 12-il metru hija ta' €2396.93**. Pierre Balzan fl-affidavit ulterjuri tiegħu jispjega li din id-diskrepanza żgħira (ta' €1.83) hija minħabba li *"għalkemm ir-rati li bihom jiġi kalkolat il-ħlas pagabbli huma annwali, effettivament il-kalkoli ma jsirux fuq bażi annwali iżda jsiru fuq bażi pro rata, u cioe` skont in-numru ta' ġranet fix-xahar u għalhekk ir-rata tvarja bi ftit ċenteżmi."*

L-istess Balzan jgħid li s-soċjeta` attriċi ħadet żball fis-sens li applikat ir-rata relattiva għal bastimenti ta' 12-il metru flok bastimenti ta' 13-il metru u li għalhekk dik it-tieni parti tal l-fattura li tirrigwarda l-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ħarġet għal ammont anqas minn dak dovut. Hawnhekk din il-qorti taċċenna għat-**tieni (2) aggravju** tas-soċjeta` attriċi u tirritjeni illi ladarba fuq il-kuntratt tas-7 ta' Lulju 2010 kien hemm qbil li l-ammont pagabbli għall-ewwel seba' (7) xhur kien dak relattiv għal tul ta' 12-il metru, u ladarba hemm qbil li l-kuntratt kellu jiġġedded awtomatikament bl-istess kundizzjonijiet, allura kellhom jibqgħu jiġu applikati r-rati fir-rigward ta' tul ta' **12-il metru** anke meta fl-1 ta' Awwissu 2011 skattaw ir-rati l-ġodda skont Annex IV (ossia Annex 6 Part 2). Għalhekk mhux korrett Pierre Balzan

[20] Dok C, fol 4.

meta jgħid li dik il-parti tal-fattura relattiva għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 hija inkorretta.

Għaldqstant ladarba l-Kaptan Grech ħallas l-ammont ta' €747.54, il-bilanċ ta' **<u>€576.02</u>** huwa korrett u mhux inqas minn dak dovut lis-soċjeta` attriċi, kif isostni Pierre Balzan.

**<u>Il-fattura RR4695</u>** (Dok D) tirrigwarda d-drittijiet tal-irmiġġ għas-sena 2012 (1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru). L-ammont pagabbli ġie maħdum abbażi tar-rati l-ġodda iżda fuq tul ta' 13-il metru: u cioe` fuq ir-rata annwali ta' €2,593.93 (li bit-18% VAT jammontaw għal €3,060). Għar-raġunijiet mogħtija minn din il-qorti fil-paragrafu preċedenti (relattivi għat-**<u>tieni (2) aggravju</u>**), din il-qorti hija tal-fehma li r-rata annwali applikabbli invece hija dik relattiva għal tul ta' 12-il metru, u cioe` €2,396.93 (li bit-taxxa ta' 18% VAT tiġi €2,828.38). Ladarba l-Kaptan Grech ħallas l-ammont ta' €1,407.94 jiġi li l-bilanċ għandu jkun ta' **<u>€1,420.44</u>** u mhux ta' €1,652.06.

**Il-bilanċ totali (fuq l-erba' fatturi) għalhekk jiġi li hu <u>€2,032.81</u> u mhux €2,293.36 kif mitlub mis-soċjeta` attriċi.**

## 13. <u>Jekk il-ħlas li sar mill-Kaptan Mario Grech kienx għas-saldu o meno:</u>

It-Tribunal irritjena illi l-fatt li s-soċjeta` attriċi aċċettat il-ħlas li sar da parti tal-Kaptan Grech jgħaddi l-messaġġ li tali ammont ġie aċċettat u li ma kienx fadal x' jitħallas. (Tali pożizzjoni tat-Tribunal fil-fatt hija l-bażi tal-ilment tas-soċjeta` attriċi fit-**<u>tielet (3) aggravju</u> tagħha**.) Din il-qorti pero`ma jidhrilhiex li bl-aċċettazzjoni tal-pagament is-soċjeta` attriċi kkompromettiet b'xi mod il-pożizzjoni tagħha. Ma jidhirx lil-Kaptan Grech qatt iddikjara li l-pagamenti kienu qegħdin isiru għas-saldu tal-pretenzjonijiet tas-soċjeta` attriċi. Huwa sempliċiment ħallas l-ammont li fil-fehma tiegħu kien dovut. Fil-kontro-eżami[21] tiegħu huwa qal:

*"...mistoqsi jekk jiena kontx inniżżel meta nħallas permezz ta' ċekk jekk kontx inniżżel '<u>in full and final settlement</u>' jiena nispjega illi jiena minflok kont inniżżel li dan l-ammont*

[21] Kontro-eżami tal-Kaptan Mario Grech, 29 ta' Mejju 2015, fol 96-97

*ikopri ċertu perjodu u jiena għalija dak ifisser li kien ammont '<u>in full and final settlement</u>'."*

Iżda x' ried ifisser u x' effettivament niżżel huma żewġ affarijiet differenti. M'hemmx prova li l-attriċi aċċettat il-pagament għas-saldu.

## 14. <u>It-terminazzjoni o meno tal-kuntratt:</u>

Fir-risposta tal-appell tiegħu il-bastiment konvenut (b' riferenza għall-<u>**ewwel (1) aggravju**</u> tas-soċjeta` attriċi dwar il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012) isostni li l-kuntratt tas-7 ta' Lulju 2010 li ġie ffirmat bejn is-soċjeta` attriċi u l-Kaptan Grech ma kienx aktar viġenti f'dan iż-żmien. Jaċċenna għall-fatt li fit-13 ta' Ġunju 2012 il-Kaptan Mario Grech kien biegħ il-bastiment lil Mario Vella, u x-xiehda ta' Grech u ta' Vella u jgħid li s-soċjeta` attriċi kienet infurmata li l-bastiment ma kienx ser jibqa' jokkupa l-post tiegħu fil-moll tal-Imġarr. Għamel ukoll riferenza għax-xiehda ta' Gennaro Scerri[22] fejn qal li jiftakar illi, *"...bil-kliem Mario Grech kien infurmani illi d-dgħajsa ma kinitx ser tibqa' fil-Marina"* u għax- xiehda sussegwenti oħra tiegħu[23] fejn qal li, *"...l-Kaptan Mario Grech kien tani lura l-key liema key tagħtik aċċess toħroġ fuq il-pontoon u jkollok aċċess għad-dawl u l-ilma li jkunu prepaid."* Saħansitra l-istess Scerri kompla jgħid illi:

*"...l-fatt li ġiet ritornata din iċ-ċavetta ma jfissirx illi ġie tterminat l-agreement u dan peress li din iċ-ċavetta tkun prepaid u anke jekk jiġi terminat l-agreement din iċ-ċavetta tista' tinżamm u jintużaw is-servizzi għax dawn ikunu diġa tħallsu."*

In oltre saret ukoll riferenza għall-klawżola 5.2 tal-ftehim fejn jingħad illi biex il-ftehim jiġi tterminat is-sid tal-lanċa għandu jagħti <u>avviż bil-miktub xahar qabel</u>. Dan ma jirriżultax li sar. Pero' dak li jingħad fil-kuntratt kien jorbot lil Grech u mhux lil Vella, iktar u iktar meta mill-provi rriżulta li qatt ma rriżulta li għamel użu mill-pontoon. Clayton Hili, *berthing assistant*, mas-socjeta attrici xehed:

[22] Xiehda ta' Gennaro Scerri tal-25 ta' Marzu 2015, fol 89.
[23] Xiehda ta' Gennaro Scerri tad-29 ta' Mejju 2015, fol 92.

*"Mistoqsi in kontro-eżami jekk minn dak li naf jiena pontoon L kienx vakanti bejn Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) jiena ngħid illi dan il-pontoon ma kienx okkupat minn bastimenti oħra **iżda kien vakanti**".*

L-azzjoni tal-attriċi hi bażata fuq kuntratt li pero' kien iffirmat ma' Mario Grech u mhux ma' Mario Vella. Azzjoni in rem ma tistax tirnexxi jekk ma tistax tirnexxi kontra s-sid (ara per eżempju sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), **Avukat Max Ganado nomine vs Kaptan Sebastiano Pizzimenti nomine** tat-30 ta' Novembru 2007). Dan apparti dak li ser jingħad hawn taħt b'riferenza għat-tielet eċċezzjoni li ta l-bastiment quddiem it-Tribunal.

**15. <u>It-tieni u tielet eċċezzjonijiet tal-bastiment konvenut.</u>**

Ovvjament iridu jiġu kkunsidrati t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-bastiment konvenut (illi t-Tribunal injora għal kollox) anke jekk il-bastiment konvenut ma għamel l-ebda riferenza għalihom fir-risposta tal-appell tiegħu.

L-azzjoni tal-attriċi hi bażata fuq ftehim li sar bejnha u Mario Grech, li m'huwiex parti fil-kawża.

<u>Fit-tieni eċċezzjoni</u> tiegħu il-bastiment konvenut eċċepixxa li Mario Vella (is-sid preżenti tal-lanċa) mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-kuntratt ġie ffirmat mill-Kaptan Grech u mhux minnu u stante wkoll illi huwa mhux il-persuna responsabbli *in personam* versu s-soċjeta` attriċi. Ladarba din il-kawża saret kontra l-bastiment innifsu, u mhux kontra Mario Vella, din l-eċċezzjoni ngħatat bla bżonn. Il-konvenut hu l-bastiment u mhux Mario Vella.

<u>Fit-tielet eċċezzjoni</u> tiegħu il-bastiment konvenut eċċepixxa illi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-Artikolu 742D tal-Kapitolu 12 mhux sodisfatt, li jipprovdi:

*"Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu **<u>742B(d) sa (y),</u>** azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra –*

*(a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta*

*tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta'dak il-vapur;*

(b) *kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."*

Fl-avviż tat-talba l-attrici ddikjarat li l-azzjoni tagħha hi bażata fuq paragrafu (c)[24] tal-imsemmija disposizzjoni, iżda ma tatx spjegazzjoni ta' kif il-pretensjoni tagħha taqa' taħt dak il-paragrafu. Il-qorti hi tal-fehma li dak il-paragrafu jitratta każijiet fejn il-bastiment ikun qiegħed iservi bħala garanzija, li ma jirriżultax li hu l-każ għal dak li jikkonċerna l-pretensjoni tal-attriċi. Pjuttost il-qorti temmen li l-pretensjoni taqa' taħt paragrafu (q) li jirreferi għal, *"kull pretensjoni rigward* ***drittijiet u spejjeż*** *tal-port,* ***tal-baċir*** *jew drittijiet oħra portwali"*.

L-attriċi ppreżentat il-kawża fl-14 ta' Marzu 2014, cjoe' fi żmien li l-bastiment kien il-proprjeta ta' Mario Vella li fir-rigward tal-pontoon oġġett tal-*berthing agreement* a fol. 6 qatt ma kellu relazzjoni kuntrattwali mal-attriċi. Fil-każ in eżami skont l-artikolu 742D il-persuna rilevanti hu **Mario Grech**. Kien hu li ffirma l-*berthing agreement* u Mario Vella ma kellux x'jaqsam miegħu. Ladarba meta ġiet proposta l-kawża Grech ma kienx għadu sid, l-attriċi ma kellhiex jedd tipproponi l-*actio in rem*. F'kull kaz għall perjodu wara li f'Ġunju, 2012 inbiegħ il-bastiment lil Vella, din il-persuna ma kellhiex relazzjoni kuntrattwali mal-attriċi u qatt m'għamel użu mill-pontoon. Għaldaqstant ukoll fir-rigward ta' dak il-perjodu l-azzjoni attriċi tfalli bħala *actio in rem*.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.

[24] *"(ċ) kull pretensjoni rigward ipoteka navali, ipoteka jew piż fuq vapur jew fuq xi sehem fih"*.